MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 21/2003

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 16 t'Ottubru, 1996 fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel (Dok A), is-socjeta' attrici ikkoncediet "Loan Facility" lill-konvenuti Francis u Victoria mizzewgin Debono;

Ippremettiet illi tinsab kreditrici tal-konvenuti Francis u Vcitoria mizzewgin Debono fis-somma ta' disat' elef, tlett mija u tnejn u tletin Liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu (LM 9,332.47) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account' ta' Francis u Victoria mizzewgin Debono mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Ippremettew illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficcjali datata 29 t'Ottubru 2002 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "C", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Talbu biex il-konvenuti ghidu ghaliex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

(1) tikkundanna lil Francis u Victoria mizzewgin Debono jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat elef, tlett mija u tnejn u tletin Liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu (LM9,332.47) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Francis u Victoria mizzewgin Debono mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra datata 29 t'Ottubru, 2002 u tal-Mandat ta' sekwestru u Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici li biha rriduciet it-talba ghal LM8839.84 stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici limitatament ghas-somma ta'

LM8839.84 u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------